A.L. 43 ta' l-1995

ATT TA' L-1993 DWAR SANZJONIJIET TAL-KUNSILL TAS-SIGUREZZA TAN-NAZZJONIJIET UNITI (ATT NRU. XX TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

A.L. 88 ta' l-1994

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jissostitwixxi r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Sospensjoni ta' xi regolamenti.

21. (a) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ir-regolamenti 6, 7, 8, 17 u 20 għandhom jitqiesu li kienu sospiżi b'seħħ mill-5 ta' Ottubru, 1994 u għandhom jibqgħu hekk sospiżi sat-22 ta' April, 1995.

(b) Għar-rigward ta' ajruplani, is-sospensjoni tar-regolamenti 6, 7 u 17 għandha tapplika biss għal ajruplani li għadhom sa issa ma ġewx sekwestrati u għal titjiriet ta' passiġġieri ċivili lejn u mill-ajruport ta' Belgrad li jkunu qegħdin iġorru biss passiġġieri u oġġetti personali tagħhom iżda ebda merkanzija, kemm-il darba ma jiġux awtorizzati jipproċedu lejn dik id-destinazzjoni mill-Kumitat.

(ċ) Għar-rigward ta' vapuri jew bastimenti, is-sospensjoni tar-regolamenti 17 u 20 għandha tapplika biss għal servizzi ta' traġitt bejn Bar fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) u Bari fl-Italja li jkunu qegħdin iġorru biss passiġġieri u oġġetti personali tagħhom iżda ebda merkanzija, kemm-il darba ma jiġux awtorizzati jagħmlu servizzi bejn iż-żewġ destinazzjonijiet mill-Kumitat.".